QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 16 TA' MEJJU, 2002

APPELL NUMRU 22/2002 JGD

IL-PULIZIJA.

(SPETTUR SANDRO GATT)

VS.

SILVIO BUTTIGIEG .

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar, 2001 ,talli f'dawn il-Gzejjer , fis-16 ta' Ottubu, 2000 u matul dan l-ahhar xaharejn, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta , meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura , jew li jforni id-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li id-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provvdut fir-Regolamenti imsemmija u dana bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , u aktar talli hu sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar, 2002, li biha wara li qalet li in vista tal-mamkanza fil-provi , l-akkuza ma setghetx treggi stante li ma gietx sodisfacentement pruvata skond il-ligi u iddecidiet li issib lill-imputat appellat mhux hati skond l-akkuzi u illiberatu minnhom .

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat Generali fil-5 ta' Frar, 2002 , fejn talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi , fil-waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat hati talli sar recidiv, thassarha u tirrevokha fil-bqija u minnflok , wara li tirrevedi l-apprezzament tal-provi , issib u tiddikjara htija tal-istess appellat fl-ewwel imputazzjoni (cioe' dik ta' pussess semplici ta' eroina) u tinfliggi il-piena karcerarja jew pekunjarja skond il-ligi .

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Generali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur fis-seduta tal-llum ;

Ikkunsidrat ;

Illi l-Avukat Generali mhux qed jappella mill-fatt li l-ewwel Qorti illiberat lill-appellat mill-addebitu tar-recidiva li bih gie mixli quddiem l-ewwel Qorti izda biss mill-fatt li l-ewwel Qorti illiberat lill-appellat mill-akkuza ta' pusses semplici tad-droga eroina.

Illi din il-Qorti qed tigi mitluba li taghmel apprezzamnt ta' fatt differenti minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti u tasal ghall-konkluzzjoni diversa. Illi f'dar-rigward din il-Qorti ittenni li dak li japplika fil-kaz ta' appelli intavolati minn akkuzati li jkunu misjuba hatja mill-ewwel Qorti ghandu japplika ugwalment ghall-appelli intavolati mill-Avukat Generali , fis-sens li din il-Qorti ma ghandix tiddisturba id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar apprezzament tal-provi mismugha minnha u traskritti , sakemm tali konkluzzjoni ma tkunx tidher li hija "unsafe and unsatisfactory" . Fi kliem iehor jekk l-ewwel Qorti tkun setghet ugwalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni li twassal ghal-liberazzjoni fuq il-provi li jkunu ingabu quddiemha , din il-Qorti, anki jekk forsi ma taqbilx ma tali konkluzzjoni, ma ghandix tirrevoka dik id-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad. Dan hu kriterju li din il-Qorti qed issegwi fil-kaz ta' appelli mill-persuna dikjarata hatja u hu ekwu u gust li dal-principju japplika fil-kaz ta' appelli mill-prosekuzzjoni ukoll.

Illi fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kienet immotivat id-decizjoni taghha favur il-liberazzjoni billi qalet li mill-kumpless tal-provi irrizulta li l-appellat kien ammetta verbalment ma' l-ufficjal prosekutur li hu kien abbuza mid-droga eroina , izda ma rrizultax f'liema periodu kien sar dan l-abbuz u ghaldaqstant ma setax jinghid li gie pruvat li l-appellat kien abbuza mid-droga eroina fil-periodu inkriminat .

Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu u waqt it-trattazzjoni orali ghamel riferenza ghax-xhieda ta' P.S. 765 Samuel Attard (fol.18 tal-process) li kien wiehed mill-Pulizija li waqqaf u arresta lill-appellat u li allegatament fil-prezenza ta' dan ix-xhud l-appellat kien ammetta li ghalkemm dak in-nhar ma kienx lahaq abbuza mill-erojina , xi hmistax il-gurnata qabel kien hekk abbuza.

P.S. Attard fil-fatt kien xehed testwalment hekk :-

> "dawn gew arrestati t-tlieta , hadnihom ghand l-Ispettur Sandro Gatt u l-imputat ghalkemm ma ammettiex dak il-hin li kien ha xi droga, kien ammetta fil-prezenza taghna li kien ilu ma jiehu madwar hmistax il-gurnata." u

aktar 'l isfel fid-depozizzjoni tieghu zied jghid ghad-domanda tal-ewwel Qorti jekk tawhx "warning" dak il-hin :-

> "Dak il-hin tkellmu hu. Qalilna jiena m'ghandix x'naqsam . Ma hadtx drogi. Illum ma hadtx drogi ghax ili xi hmistax ma niehu."

Id-domanda tal-Qorti jekk inghatatx warning tidher li baqghet bla tegiba mix-xhud P.S. 765 Attard ghax umbaghad jidher li inqala battibekk bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza u l-Qorti .

P.C. 682 Michael Cutajar , li kien ma P.S. Attard , fid-depozizzjoni tieghu ma semma xejn dwar din l-ammissjoni tal-appellat a tempo vergine fix-xhieda tieghu a fol. 17 tal-process minnkejja li P.S. Attard kien qal li l-appellat kien "ammetta fil-prezenza TAGHNA" (emfasi tal-Qorti) u qal li kien certu Ismael li dak il-hin kien mall-appellat fil-karozza li kien ammetta maghhom li kien ha d-droga. Ghalhekk P.S. Attard mhux korroborat f'din l-allegazzjoni .

Illi fl-statement tieghu bil-miktub redatt mill-Ispettur Sandro Gatt (fols. 13 u 14 tal-process) l-appellat ghad-domanda :-

> "Inti kemm ilek wieqaf mid-droga ?"

wiegeb "L-ahhar li qabduni u dan ilhu ma nafx kemm."

u ghad-domanda :

> "Inti l-ewwel ghidtilna li ilek wieqaf mid-droga xi hmistax il-gurnata , veru dan ?"

l-appellat wiegeb :-

> "Ma inwegibx."

Illi l-appellat ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk l-unika prova tal-pussess tad-droga tista' tohrog biss mix-xiehda ta' P.S. Attard u mill-istatement tal-appellat . F'dan l-istat tal-provi l-ewwel Qorti hasset li kellha tillibera.

Illi skond l-art. 658 tal-Kodici Kriminali kull haga li l-imputat jistqarr , sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha , kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid , jew b'biza' , jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. L-art. 659 (2) umbaghad jiddisponi li fejn tkun tnizzlet konfessjoni bil-miktub , xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara. Umbaghad skond l-art. 638 (2) ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox , daqs kemm kieku il-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar .

Illi l-ewwel Qorti irriteniet li dak li hemm fl-statement dwar pussess ta' droga ma jistax jittiehed li jirriferi ghal xi zmien jew periodu partikolari u identifikabbli bhala dak "ta' dan l-ahhar xaharejn", qabel il-jum tal-prezentata li saret fit-13 ta' Frar, 2001, ghax l-appellat ma qalx bl-ezatt meta l-ahhar kien uza id-droga u din il-Qorti taqbel li din id-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet ben fondata . Jibqa' ghalhekk x'piz ghandu jinghata lix-xiehda ta' P.S. 765 Attard fil-kliem fuq citat .

Illi anki jekk jitwemmen P.S. Attard li l-appellat ammetta quddiemu li kien uza id-droga xi hmistax il-jum qabel id-data meta inqabad cioe' fis-16 t'Ottubru, 2000 , din l-ammissjoni - anki jekk stess kienet valida - tirriferi ghall-periodu ta' hmistax il-jum qabel l-incident tas-16 t'Ottubru, 2000 li jigi mill-1 t'Ottubru, 2000 sas-16 t'Ottubru. Imma il-kliem testwali tal-akkuza hu ferm infelici ghax minhabba abbozzar kemm xejn stramb l-akkuza "talli f'dawn il-Gzejjer fi-16 t'10.2000 MATUL DAWN L-AHHAR XHAREJN" (emfasi tal-Qorti) tista' tirriferi biss ghad-data tas-16 t'Ottubru 2000 u ghall-periodu ta' xaharejn qabel id-data ta' t-13 ta' Frar, 2001 cioe' id-data tal-akkuza skond ma tidher mit-timbru tal-prezentata a fol.1 tal-process . Kif inkitbet l-akkuza tista' u ghandha tiftiehem fis-sens strett tal-kelma li dawn ix-xaharejn jirriferu ghall-periodu bejn it-13 ta' Dicembru, 2000 u t-13 ta' Frar, 2001. Jekk il-Prosekuzzjoni riedet tkopri ix-xaharejn ta' qabel is-16 t'Ottubru, 2000 , kif x'aktarx kellu f'mohhu l-ufficjal prosekutur , imissha intuzat id-dicitura : "u fix-xaharejn ta' qabel din id-data" kif solitu jinkiteb u mhux kif sar . Ghalhekk dak li seta' ammetta l-appellat ma' P.S. Attard dwar uzu tad-droga zgur li ma setax jirrientra fil-kliem tal-akkuza ghax il-hmistax ta' qabel l-incident jigu bejn l-1 t'Ottubru u 16 t'Ottubru 2000 u mhux bejn 13 ta' Dicembru 2000 u t-13 ta' Frar, 2001 . Ghalhekk anki taht dan l-aspett l-ewwel Qorti kienet tkun qed tiddeciedi b'mod "unsafe and unsatisfactory" kieku sabet lill-appellat hati .

Jidher pero' ukoll li l-ewwel Qorti kellha bir-ragun xi rizervi dwar jekk gietx moghtijha lill-appellat il-"warning" qabel P.S. Attard allegatament elicita l-allegata ammissjoni ta' pussess minnghand l-appellat u cioe' fil-hin li gie arrestat l-appellat u s-suspettati l-ohra . Il-Qorti ghamlet did-domanda mill-inqas tlitt darbiet u ghalkemm P.S. Attard qal li il- "caution" kien tahielu l-Ispettur , ghad-domanda ripetuta jekk hu kienx ta "warning" qabel kellem lill-appellat fil-bidu u cioe' fil-hin tal-arrest , ix-xhud ma wegibx ghal did-domanda u wiegeb "at a tangent" . Il-Qorti jidher li seta' dahlilha id-dubju - kif dahal lil din il-Qorti ukoll - li f'dak il-hin tal-allegata ammissjoni, ma kienx inghata "warning" lill-appellat minn P.S. Attard u dan jista' jkollu riperkussjoni fuq il-volontarjeta' tal-allegata konfessjoni.

Umbaghad il-fatt li din l-ammissjoni li skond P.S. Attard suppost li saret ukoll fil-prezenza ta' P.C. 682 Michael Cutajar , baqghet ma issemmiet xejn minn Cutajar fir-rigward tal-appellat , ma jistax ma jiggenerax certu dubju ragonevoli f'mohh il-gudikant

Fil-fehma ta' din il-Qorti , fl-istat tal-provi li irrizultawlha, l-ewwel Qorti setghet legittimament tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u li biha l-appellat gie liberat. Tali konkluzzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienetx necessarjament "unsafe and unsatisfactory" u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturbha.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
16.05.02.